# Il-Festa ta' San Ġużepp matul il-Gwerra

## Mill-Kronaka tal-Kappillan Vella u Storja tal-Gwerra

*minn Mons Ġużeppi Buttigieg*

Fl-10 ta' Ġunju 1940, wara nofsinhar, tħabbret l-aħbar li kienet mistennija b'sens ta' biża u tħassib, dik li l-Italja, immexxija minn kif kien imsejjaħ 'Il Duce', Benito Mussolini, kienet daħlet fil-gwerra bħala alleata tad-Tedeski, il-Ġermanja, immexxija mill-mexxej nazista Adolf Hitler magħruf għall-ħruxija u l-kefrija tiegħu.

**Sbieħ il-Hemm**

Dan kien ifisser li l-Italja daħlet fil-gwerra, alleata tal-pajjiżi li kienu kontra l-Ingliterra u l-alleati tagħha, u billi dak iż-żmien Malta kient kolonja Ingliża, awtomatikament l-Italja saret għadu tagħna, pajjiż tant qrib tagħna. Fil-fatt l-għada filgħodu fil-11 ta' Ġunju 1940 fis-6.45am sar l-ewwel attakk mill-ajru fuq Malta. Bħala esperjenza propja tiegħi, niftakar – din mhix mill-kronaka – li jiena kont fil-knisja għall-quddiesa tas-6.30am, li dak iż-żmien kienet titqaddes bil-Latin u s-saċerdot wiċċu 'l ġewwa, dahru lejn in-nies. Kien għadna kif tqarbinna, meta bdejna nisimgħu damdim u tregħid tal-biża, tant li ħriġna niġru 'l barra mill-knisja. Kulħadd kien jiġri 'l hawn u 'l hemm u jgħajtu 'Air Raid', 'Air Raid', 'Ġew it-Taljani!' Din l-istorja twalet għall-anqas tlett snin sakemm fit-8 ta' Settembru 1943, wara li kienet saret l-invazjoni ta' Sqallija mill-Ingliżi u l-allejati tagħhom, dawn bil-mod il-mod baqgħu telgħin 'il fuq fl-Italja kollha. Għalkemm l-Italja ċediet f'Settembru 1943, din il-mixja twalet sas-sena 1945. Biss aħna, f'Malta u Għawdex dakinhar, fl-1943 straħna sewwa għax l-għadu tbiegħed għal kollox. F'dan l-ewwel attakk fuq Malta niftakar tajjeb li fost tant straġi, kienet ġiet milquta xarabank tal-linja tar-Rabat ta' l-Imdina u nqatlu jew ġew feruti gravi l-passiġġieri kważi kollha. Il-ġrajja qalila ta' dan l-attakk hija ukoll rakkontata fil-ktieb 'Ġrajja tal-Gwerra' ta' Guże Galea fi tmiem in-novella 'Sbieħ il-Hemm', mingħajr ma jidħol f'dettalji bħal ma hi l-ġrajja tax-xarabank imsemmija.

**L-Ewwel Festa matul il-Gwerra**

Għalfejn ktibt dan kollu? Din hija daħla li turik minn qabel kif setgħu jkunu ċċelebrati l-festi titulari tal-parroċċa matul il-gwerra li għalina tinqasam f'żewġ partijiet mill-1940 sal-1943 u mill-1943 sal-1945. Nerġa għalhekk nibda bil-kronaka. Il-festa ta' San Ġużepp, fis-sena 1940, billi kien żmien ta' gwerra u l-attakki mill-ajru (*air raids*) fuq Malta kienu spissi, dik esterna ġiet sospiża. Il-festa ta' San Ġużepp għalhekk dik is-sena saret b'mod l-aktar sempliċi. Minħabba l-*curfew* jew *blackout*, jiġifieri li x'ħin jidlam kulħadd kien obbligat jidħol ġewwa, it-tridu kellu jispiċċa sa nżul ix-xemx. Il-priedki tat-tridu ma sarux biex hekk il-funzjoni qasira tintemm sal-ħin obbligat kif diġa spjegajt. Lejliet il-festa ġie biss kantat l-Għasar (*Vespri*) sempliċiment bl-orgni. Fil-festa filgħodu ġie kantat il-*Laudi* (Tifħir ta' Sbieħ il-Jum) u saret il-quddiesa kantata bil-mużika. Iċċelebra l-quddiesa Mons. Anton Mercieca u għamel il-paniġierku Mons. Ġużeppi Pace PhD SThD JCD, Arċidjaknu tal-Katidral. Wara nofsinhar sar l-Għasar bil-mużika u wara purċissjoni madwar il-knisja biss, u mingħajr statwa, minħabba l-biża ta' xi 'air raid'. Ingħatat il-Barka Sagramentali mill-E.T. Mons. Mikiel Gonzi u wara l-anqas sar is-soltu trattament ta' wara l-festa.

**Il-Gwerra tiħrax – In-nies jidraw**

Ngħaddu issa għall-festa fis-sena 1941. Saret fit-3 t'Awissu. Il-gwerra tiħrax u donnu n-nies tidra. Tant li dik s-sena t-tridu sar bil-priedki. Għamlu l-Kan. Martin Camilleri min-Nadur. L-Għasar ta'



lejliet u nhar il-festa, ir-responsorji tal-Matutin fil-festa filgħodu u l-quddiesa solenni, saru bil-mużika mmexxija mis-surmast Pawlu Lanzon. Iffunzjona l-W.R. Mons. Emanuel Grech, fil-waqt li l-paniġierku sar minn W.R. Mons. Ġużeppi Ascolese. Festi ta' barra ma saru xejn, ħaġa naturali, barra l-fatt li l-purċissjoni flok madwar il-knisja biss, bħas-sena ta' qabel, saret bl-istatwa ta' San Ġużepp fit-Toroq tas-Salib. L-E.T. Mons Isqof Mikiel Gonzi għalaq il-festi bil-Benedizzjoni Sagramentali. Fis-sena 1942 il-festa saret fit-2 t'Awissu. Sar kollox bħas-sena ta' qabel minkejja li l-gwerra kienet fl-eqqel tagħha. It-Tridu sar mis-saċerdot Dun Salvinu Bartoli, saċerdot Malti, rifuġjat Għawdex. Fil-jiem tal-festa ffunzjona Mons. Celestinu Galea PhD u niseġ il-paniġierku il-W.R. Patri Bonfazju Bonello OSA (Agostinjan). Tbiddlu l-predikaturi u l-Monsinjur li ffunzjona.

**Deher xi xaqq dawl**

Fis-sena 1943, il-festa saret fl-1 t'Awissu. Kien donnu bdejna nieħdu ftit tan-nifs. Rigward festi ta' barra ma sarx xejn għal kollox. Ġie mogħti l-permess li jsir marċ wieħed biss il-Ħadd filgħaxija. Daqqet il-banda 'La Stella' tal-Belt Victoria. Billi l-petrol kien għadu bir-razzjon, flok bix-xarabank, il-bandisti nġabu bit-trakkijiet tas-suldati Amerikani. Rigward il-festi ta' ġewwa u l-purċissjoni, sar kollox bħas-sena ta' qabel, barra s-saċerdoti li ffunzjonaw jew ippriedkaw. It-Tridu għamlu Patri Benjamin Galea OFM, ta' Ġieżu. Fil-festa ffunzjona l-W.R. Mons Arċidjaknu Ġużeppi Pace PhD STD JCD. Niseġ il-paniġierku l-W.R. Angelo Pizzuto OSA (Agostinjan).



**Lura għan-normal**

Fis-sena 1944 il-festa ta' San Ġużepp ġiet lura għan-normal. Għaliex? Fis-sena 1943, l-Ingliżi u l-Amerikani kienu wettqu l-invazjoni ta' Sqallija. Ħafna bastimenti tal-gwerra taż-żewġ nazzjonijiet kienu telqu minn Malta, flotta kbira u qawwija miġbura fil-Port il-Kbir u f'kull port ieħor sa San Pawl il-Baħar, saħansitra 'il barra mill-portijiet. Magħhom telqu wkoll l-ajruplani kollha 'Bombers'u 'Fighters', uħud minnhom mill-ajruport li kienu għamlu l-Amerikani hawn Għawdex bejn it-triq mix-xatt għar-Rabat u dik ta' Xħajma, fin-Nadur. It-triq mill-Qala għar-Rabat u lura, kienet tgħaddi minn fuq ir-*runway* u wieħed seta' jibqa għaddej biss wara li jingħata l-*go-ahead*. L-Isqallin, biex ngħidu hekk, laqgħuhom bil-pjaċir u fi żmien qasir għaddew minn Sqallija għall-Italja u bdew il-mixja twila u tqila tagħhom minn Reggio għal Ruma fi ġlied aħrax u qalil bejnhom u bejn it-Taljani u n-Nazi ta' Hitler. L-Italja bħala pajjiż ċediet fis-sena 1943, iżda l-ġlied kontra l-alleati Ingliżi u Amerikani tkompla min-Nazi ta' Hitler li kienu għadhom jokkupaw l-Italja u parti mis-suldati Taljani li ngħaqdu magħhom. Allura biex jiddefendu u jżommu l-mixja ta' l-għedewwa ħallew lilna bi kwietna sakemm din il-mixja qalila waslitna għall-paċi sħiħa fit-8 ta' Mejju 1945. Ninnutaw li ż-żewġ ġrajjiet saru f'żewġ festi tal-Madonna: nhar it-8 ta' Settembru 1943, festa tat-Twelid tal-Madonna, li aħna nsejħu wkoll 'Jum il-Vittorja', għax f'dak il-jum ħlisna minn żewġ assedji, dak tat-Torok fis-sena 1565 u t-tieni assedju li għadna kif semmejna fit-8 ta' Settembru 1943; u nhar it-8 ta' Mejju 1945, festa tal-Madonna ta' Pompej. Dan il-paragrafu hu meħud mill-memorja personali tiegħi u kotba storiċi li kkunsultajt.

**Il-Festa ssir l-aħħar Ħadd t'Awissu**

Lura għall-kronaka. Għaldaqstant il-festa ta' l-1944 saret b'mod normali bid-dwal barra, tant li lejliet u nhar il-festa, is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd




wara nofsinhar, ġew żewġ baned u għamlu marċijiet mat-toroq tal-Qala: il-banda 'La Stella' tal-Belt Victoria u l-Banda 'Victory' tax-Xagħra. Il-festi ta' ġewwa saru normali u b'pompa kbira. Mingħajr ma nidħol f'ħafna dettalji ngħid biss li dik is-sena l-mużika f'jiem il-festa kienu taħt id-direzzjoni tas-Surmast Giardini Vella. Din ġiet ukoll matul it-Tridu biex wara l-priedka jindaqqu l-Innu u l-Antifona ta' San Ġużepp u wara il-kant tat-'Tantum Ergo' li bil-Malti llum ngħidulu 'Dal-Misteru għarkopptejna'.

Ta' min jgħid li f'dik is-sena, 1944, il-festa ma saritx fl-ewwel Ħadd ta' Awissu , iżda pjuttost fl-aħħar Ħadd, li kien is-27 t'Awissu. Ir-raġuni kienet li fost opri oħra kbar ta' arti li saru dik is-sena, kien tqiegħed l-irħam kollu taż-żewġ navi fuq disinn tal-marmista Injazju Bonavia. Dan intemm jiġi llustrat f'jum l-aħħar tridu, nhar il-25 t'Awissu. Kif jgħidu: 'Kull ma jiġri kollox minn Alla'. Għaliex kif niftakar tajjeb, jien u nies ta' żmieni, bejn l-ewwel Sibt u l-ewwel Ħadd ta' Awissu, bejn il-5 p.m. tas-Sibt sat-3.00 p.m. tal-Ħadd għamlet waħda mill-eqqel tempesti li niftakar f'għomri. Niżlet xita bil-qliel matul il-lejl kollu u s-sajjetti kienu jfaqqgħu waħda għal waħda. Għamlet ħafna ħsara fir-raba, speċjalment lid-dwieli meta l-għeneb kien qed joqrob biex isir. Niftakar li l-bajja ta' Ħondoq kienet imtliet ħamri, ġebel u friegħi tas-siġar.

**Il-Gwerra spiċċat – Il-Festa ma saritx! Għaliex?**

Fis-sena 1945, għalkemm issa l-gwerra kienet intemmet għal kollox u qiegħdin f'paċi perfetta, il-festa ma saritx għal raġunijiet oħra. Fil-25 ta' Ġunju ta' dik is-sena, wara siegħa spost solenni, beda x-xogħol tat-tiġdid tas-saqaf tal-knisja parrokkjali. Is-saqaf li qabel kien mibni bi ħnejjiet u xorok, issa kien sa jinbidel f'saqaf kif narawh illum, li jissejjaħ 'Troll', biex setgħet issir il-pittura kollha li llum nistgħu naraw fis-saqaf. Għaldaqstant l-ewwel saqaf fid-data msemmija beda jiġi maqlugħ. Bdew mis-saqaf tal-kor u sal-bidu t'Awissu l-knisja kienet bla saqaf, tistenna li jiġi mibni s-saqaf il-ġdid. Din kienet ir-raġuni li dik is-sena l-festa ma saritx.

Hekk għalaqna l-lista tal-festi mill-bidu f'Malta tat-Tieni Gwerra Dinjija, fl-10 ta' Ġunju 1940, sa dik li suppost saret tlett xhur wara tmiem din il-gwerra fil-5 t'Awissu tas-sena 1945, meta il-gwerra kienet spiċċat fit-8 ta' Mejju ta' dik is-sena.

TOPSERV (GOZO) LTD

TOPSERV (Gozo) Ltd
*għal kull tip ta'*
**LIFTS**
*(Djar/Appartamenti / Garages / Ħwienet)*
**GENERATORS**
**TISWIJIET TA' MUTURI**
**Stimi u Pariri b'Xejn • Ċempel lil John Cefai fuq**
**21 55 79 93 jew 99 49 92 81**